MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## RAYMOND C. PACE

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 1665/1994/1

**Saviour maghruf bhala Sammy Cremona ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Ghajn Rasul Company Limited.**

**vs**

**Carmelo maghruf bhala Charles Galea, Anthony Muscat u b'digriet tat-12 ta' Gunju 1995, il-Qorti ordnat li l-Atti tal-kawza jigu trasfuzi f'isem Josephine armla ta' Anthony Muscat, u Mark, Edwin u Rodney ahwa Muscat *stante* il-mewt ta' Anthony Muscat waqt il-mori tal-kawza, u l-Perit Carm Lino Spiteri.**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta' Dicembru 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif

diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Said Pullicino fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici hija proprjetarja tal-fond ossia *garage* 23, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar;

Illi waqt li l-konvenuti jew min minnhom kienu qed jesegwixxu xoghlijiet strutturali gewwa l-fond “Night and Day *Garage*” li jinsab fl-istess triq u huwa adjacenti ghall-*garage* proprjeta` tas-socjeta` attrici.

Illi b’kawza diretta ta’ tali xoghlijiet u senjatament thammil gaffa l-*garage* proprjeta` tas-socjeta` attrici ggarraf fit-12 ta’ Jannar 1994, b’mod li kkollassa s-saqaf u ddanneggja wkoll oggetti mobbli li kienu mahzuna fl-istess *garage*;

Illi dawn id-danni gew ikkagunati bil-htija unika tal-konvenuti jew min minnhom u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-attur *nomine* nterpella l-konvenuti sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni bonarja tad-danni kollha sofferti mill-istess attur *nomine* izda dawn baqghu jnadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess atturi *nomine* talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjarhom jew min minnhom unikament responsabbli ghat-tigrif tal-bini fuq imsemmi u *cioe*` tal-*garage* 23, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar u ghad-danni konsegwenzjali sofferti mill-attur *nomine*;

2. Tillikwida, *okkorrendo*, bl-opera ta’ Periti nominandi d-danni sofferti mill-attur *nomine* b’konsegwenza ta’ dan it-tigrif;

3. Tikkundanna l-konvenuti jew min minnhom ihallsu lill-atturi *nomine* d-danni li jigu hekk likwidati.

Bl-ispejjez tal-presenti, ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Jannar 1994, u bl-imghax legali kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta’ l-atturi a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smiegh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Said Pullicino ghas-seduta tas-27 ta’ Jannar 1995.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut il-Perit Carm Lino Spiteri datata 6 ta’ Jannar 1995 a fol. 10 tal-process fejn gie eccepit:-

Preliminarjament l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti *ratione materiae.*

Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-permess, illi d-domandi attrici *in quanto* diretti kontrih huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li hu ma jista’ bl-ebda mod jigi tenut responsabbli ghad-danni lamentati mill-attur *nomine*, u b’hekk l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine*.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut a fol. 10 u 11 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Muscat pprezentata fis-6 ta’ Jannar 1995 a fol. 33 tal-process fejn gie eccepit:-

Preliminarjament l-inkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti *ratione materiae.*

Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-permess, illi d-domandi attrici *in quanto* diretti kontrih huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt, *stante* li hu ma jista’ bl-ebda mod jigi tenut responsabbli ghad-danni lamentati mill-attur *nomine*, u b’hekk l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess attur *nomine*.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Anthony Muscat flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 23 u 24 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Carmelo maghruf bhala Charles Galea pprezentata fit-13 ta’ Jannar 1995 a fol. 16 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi l-eccipjenet ma huwiex responsabbli ghad-danni pretizi mill-attur *nomine*.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Carmelo maghruf bhala Charles Galea flimkien mal-lista tax-xhieda a fol. 16 u 17 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Joseph Said Pullicino tas-27 ta’ Jannar 1995 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-avukati tal-partijiet u l-kontendenti. Il-Qorti, kif diversament presjeduta, ordnat li dawn iz-zewg kawzi hemm indikati jigu trattati kontestwalment, u *in vista* ta’ dan il-konvenuti rtiraw l-eccezzjoni ta’ l-inkompetenza. Il-Qorti nnominat lill-Avukat Dottor Tonio Mallia bhala Perit Legali bl-assistenza ta’ l-Arkitett Anthony Cassar u biex jesplitaw l-inkarigu taghhom. Il-kawza giet differita ghas-17 ta’ Frar 1995; tas-17 ta’ Frar 1995; tas-7 ta’ April 1995; tad-9 ta’ Gunju 1995; u l-avviz tal-14 ta’ Novembru 1995 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem Qorti diversament presjeduta ghat-8 ta’ Frar 1996.

Rat ir-rikors ta’ Josephine armla ta’ Anthony Muscat, u Mark, Edwin u Rodney ahwa Muscat, ulied il-mejjet Anthony Muscat, datat 9 ta’ Gunju 1995 a fol. 25 tal-process fejn l-esponenti talbu lill-Qorti joghgobha tordna li l-atti tal-kawza fl-ismijiet premessi, *in quanto* jirrigwarda l-interess tal-konvenut Anthony Muscat, illum mejjet, jghaddu f’isimhom sabiex huma jissoktaw l-istess kawza minfloku.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Gino Camilleri tat-8 ta’ Frar 1996 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem Qorti kif diversament presjeduta ghad-19 ta’ Gunju 1996.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo mid-19 ta’ Gunju 1996 sat-3 ta’ Lulju 1998 u l-ordni moghtija mill-istess Qorti fit-3 ta’ Frar 1999 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Perit Tekniku Dr.Tonio Mallia fis-26 ta’ Frar 1998 (fol.40) fejn minhabba li l-konvenuti ma dehrux u lanqas ressqu provi s-seduta ma setghetx issir.

Rat il-verbali kollha tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna mit-3 ta’ Frar 1999 sad-29 ta’ Jannar 2002 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. G. Cutajar li nforma l-Qorti li r-rapport tal-Perit Legali huwa lest. Deher ukoll Dr. Aldo Vella; ir-rapport tal-Perit Legali gie riferit lill-Perit Tekniku. Il-kawza giet differita ghall-15 ta’ Marzu 2002.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna tal-15 ta’ Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale tat-8 ta’ April 2002 u tal-10 ta’ Gunju 2002 fejn il-kawza baqghet differita ghar-rapport.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Lino Farrugia Sacco fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Gabriella Vella ghall-konvenut. Deher li r-rapport lest u

ntaxxat (fol.63). Il-kawza giet differita biex ir-rapport jigi mahluf ghat-8 ta' Jannar 2004.

Rat l-ordni tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-8 ta' Jannar 2004 u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti tas-6 ta' Frar 2004; u tal-25 ta' Frar 2004.

Rat il-rapport tal-Perit Legali l-avukat Dr. Tonio Mallia assistit mill-Perit Tekniku l-AIC Anthony Cassar mahluf fit-2 ta' Marzu 2004 u fejn giet annessa relazzjoni separata tal-Perit Tekniku Anthony Cassar.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tat-18 ta' Marzu 2004 fejn il-kawza giet differita ghal ezami rapport.

Rat in-nota tal-konvenut l-AIC Carm Lino Spiteri datata 22 ta' Marzu 2004 a fol. 91 tal-process li biha talab in-nomina ta' Periti Addizzjonali.

Rat in-nota tal-konvenuti Josephine armla ta' Anthony Muscat u ta' Mark, Edwin u Rodney ahwa Muscat, ulied il-mejjet Anthony Muscat datata 22 ta' Marzu 2004 a fol. 92 tal-process li biha talbu n-nomina ta' Periti Addizzjonali.

Rat in-nota ta' Carmelo *sive* Charles Galea datata 26 ta' Marzu 2004 a fol. 93 tal-process li permezz taghha talab in-nomina ta' Periti Addizzjonali.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri tas-7 ta' Mejju 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. George Cutajar ghall-atturi u Dr. Patrick Galea u Dr. Aldo Vella ghall-konvenuti. Fuq talba tal-konvenuti, il-kawza giet differita ghall-eskussjoni tal-Perit Anthony Cassar. Il-Qorti ordnat lill-konvenuti jippreparaw id-domandi bil-miktub u jikkomunikawhom lill-Perit fi zmien utili. Il-kawza giet differita ghat-22 ta' Gunju 2004 ghall-eskussjoni tal-Periti; u tat-22 ta' Gunju 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Aldo Vella u Dr. Patrick Galea

ghall-konvenuti. Dehru l-konvenuti l-Perit Spiteri u Carmelo Galea. Xehed in eskussjoni l-Perit Anthony Cassar prodott mill-konvenuti. Il-konvenuti talbu zmien biex jirregolaw ruhhom dwar it-talba ghan-nomina ta' Periti Perizjuri. Il-kawza giet differita ghad-19 ta' Ottubru 2004; tas-19 ta' Ottubru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Aldo Vella ghall-Perit Spiteri prezenti, u Dr. Patrick Galea ghall-konvenut Galea prezenti. Dr. Aldo Vella u Dr. Patrick Galea ghall-konvenut irtiraw it-talba ghal nomina tal-Periti Addizzjonali. Il-konvenuti talbu zmien biex jirregolaw ruhhom dwar it-talba ghal-likwidazzjoni tad-danni. Il-kawza giet differita ghas-7 ta' Dicembru 2004; tas-7 ta' Dicembru 2004 fejn meta ssejhet il-kawza ma deher hadd ghall-atturi, u ghall-konvenuti dehru Dr. Patrick Galea u Dr. Aldo Vella. Dr. Aldo Vella u Dr. Patrick Galea rrelevaw illi l-istima maghmulha mill-Perit Legali mhix ibbazata fuq provi u jissottomettu li l-Qorti ghandha tiskarta l-likwidazzjoni tad-danni maghmulha minnu, u fic-cirkostanzi jidhrilhom li l-atturi ghandhom jaghmlu prova tad-danni allagati subiti minnhom u dawn jigu kontrollati mill-konvenut. Peress li ma deher hadd ghan-naha attrici; il-kawza giet differita sabiex l-attur jirrispondi ghal din it-talba ghat-28 ta' Jannar 2005; u tat-28 ta' Jannar 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. George Cutajar ghall-attur u Dr. Patrick Galea ghall-konvenut Galea. L-attur talab zmien biex iressaq il-provi tieghu ulterjuri dwar id-danni. Il-kawza giet differita ghall-15 ta' Marzu 2005 ghal dan l-iskop; u tal-15 ta' Marzu 2005 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur Saviour Cremona assistit minn Dr. George Cutajar. Deher Dr. Aldo Vella u Dr. Patrick Galea ghall-konvenuti. Xehed Saviour Cremona. L-attur impenja ruhu li jidher ghas-seduta li jmiss. Il-kawza giet differita ghall-10 ta' Mejju 2005 ghall-kontinwazzjoni tal-provi; u tal-10 ta' Mejju 2005; tas-16 ta' Gunju 2005; tat-4 ta' Novembru 2005; u tat-8 ta' Novembru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-20 ta' Jannar 2006 sabiex jixhed Saviour Cremona in kontro-ezami.

Rat l-ordni ta' din il-Qorti kif hekk illum presjeduta, tal-20 ta' Jannar 2006 u l-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-istess Qorti hekk presjeduta tat-2 ta' Marzu 2006; tal-11 ta' Mejju 2006; tal-5 ta' Ottubru 2006; u tas-

16 ta’ Novembru 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. George Cutajar ghas-socjeta` attrici. Il-Qorti tat ghoxrin (20) jum zmien lill-atturi biex jipprezentaw nota bid-dokumenti relattivi b’kopja lill-kontro-parti u b’hekk il-provi jigu ezawriti. Il-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-14 ta’ Frar 2007.

Rat in-nota ta’ l-attur *nomine* datata 9 ta’ Jannar 2007 a fol. 124 tal-process li permezz taghha esebixxa kopja fotostatika awtentikata ta’ l-att pubbliku tat-22 ta’ Lulju 1985 fl-atti tan-Nutar Joseph Spiteri in forza ta’ liema s-socjeta` attrici akkwistat il-proprjeta` mertu tal-kawza gewwa San Pawl il-Bahar, liema dokument huwa mmarkat bhala Dok “GZ1”.

Rat il-verbali tas-seduti tal-14 ta’ Frar 2007 u tas-27 ta’ Marzu 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. George Cutajar ghall-attur, Dr. Aldo Vella ghall-konvenuti Muscat u Spiteri, u Dr. Patrick Galea ghall-konvenut Carmelo Galea prezenti. Dr. Cutajar irrileva li m’hemmx prova li l-mobbli huma tas-socjeta` attrici hlief ghat-tliet *refregerated counters* indikati a fol. 85 tal-process (Citazzjoni Nru 1665/94) fuq il-lista tal-gurnata, li l-prova tax-xiri taghhom tinsab a fol. 152 tal-process Citazzjoni Nru 302/95RCP fuq il-lista tal-gurnata. Dr. Aldo Vella ghall-konvenuti Muscat u Spiteri b’referenza ghad-dokument a fol. 152 fic-citazzjoni Nru 302/95RCP irrelata li dan id-dokument gie rilaxxat mis-socjeta` ‘Iceberg Ltd’ fis-17 ta’ April 2007 u *cioe*` erba’ snin wara l-allegat bejgh. Dan id-dokument ma huwiex ikkonfermat bil-gurament minn min irrilaxxah u l-kontenut tieghu m’huwiex prova li l-*‘counters’* hemm imsemmija f’kull kaz huma proprjeta` tas-socjeta` attrici. Id-difensuri prezenti trattaw il-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-31 ta’ Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija kawza fejn s-socjeta' attrici qed tallega li soffriet danni minhabba li ggarraf il-*garage* "Night and Day" fit-12 ta' Jannar 2004 u b'konsegwenza ta' dan gew ikkawzati hsarat fil-fond 23, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar, proprjeta' tas-socjeta' attrici, akkwistata minnha b'kuntratt datat 22 ta' Marzu 1985 u esebit bhala Dok. "GZ 1" a fol. 125 tal-process.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li l-*garage* numru 22, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar kien proprjeta' tas-socjeta' "Ghajn Razul Company Limited" u li meta sar ix-xoghol fil-proprjeta' tal-konvenut tali xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u ma ttiehdux il-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma ssirx hsara fil-proprjeta' adjacenti. Dan jinsab indikat fir-rapport tal-Perit Legali li jidher li bbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq dak li gie ndikat fir-rapport *ex parte* tal-perit Frederick Doublet esebit bhala Dok. "FD" a fol. 164 tal-process fil-kawza numru 302/94 minn fejn jinghad li l-istess xoghol u thaffir fil-proprjeta' tal-konvenut sar f'distanza inqas minn dik rikjesta mil-ligi ta' zewg piedi u nofs mill-hajt divizorju u fil-fatt it-thaffir sar ezatt ma' l-istess hajt u anke taht l-istess hajt divizorju u kien dan li kien il-kawza principali tal-hsarat li saru fil-fond adjecenti.

Illi ta' l-istess konkluzjoni kienet ix-xhieda prodotta tal-Perit Richard Aquilina li kien inkarigat sabiex jidderigi rapport li sar fl-atti ta' l-inkjesta magisterjali li saret wara l-istess incident u f'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li gie ppruvat li l-istess xoghlijiet fil-proprjeta' tal-konvenut certament li kienu wahda mill-kawzi ghaliex waqa' s-saqaf tal-*garage* mertu tal-kawza odjerna.

Illi fil-fatt il-kwistjoni li nqalghet waqt din il-kawza kien il-fatt li l-perit legali kkonkluda li kienu unikament il-konvenuti solidament bejniethom li kienu l-kawza ghaliex sehh il-kollass tal-*garage* proprjeta' tas-socjeta' attrici u l-mobbli proprjeta' ta' l-istess, mentri l-perit tekniku jsostni li

ghalkemm huwa minnu li x-xoghlijiet li saru mill-konvenuti naqqsu s-sahha u s-support tal-hajt, pero' is-saqaf tal-*garage* proprjeta' tas-socjeta' attrici u fejn kien hemm xi mobbli proprjeta' taghha apparti oggetti ohra ta' terzi, kien mibni b'mod hazin u mhux skond is-sengha u l-arti (u dan kif l-istess perit tekniku Anthony Cassar mqabbad mill-Qorti kkonferma fir-relazzjoni tieghu u anke fid-domandi li saru lilu in eskussjoni fit-22 ta' Gunju 2004) u li kien dan l-istat ta' l-istess saqaf u wkoll kanal li kien hemm fil-garaxx tas-socjeta' attrici li kien issegat xi tlett piedi l-boghod mill-hajt komuni li ggaraf, liema qsim dghajjef il-pedament u l-irbit li dan il-konkos ta' l-art kien ghamel (paragrafu 8 tar-relazzjoni tal-perit tekniku a fol. 88 tal-process – Citaz. Numru 1665/94) li kkawzaw il-hsarat kollha fil-*garage* tas-socjeta' attrici, u din il-Qorti thoss li din il-konkluzjoni teknika ma tista' bl-ebda mod tigi njorata wkoll ghaliex ma hemm l-ebda raguni legali jew teknika ghaliex ghandu jsir dan.

Illi dan ifisser li din il-Qorti thoss li giet ippruvata r-responsabbilta' tas-sid, tal-bennej u tal-kuntrattur ghall-hsara li giet ikkawzata fil-fond proprjeta' tas-socjeta' attrici, u dan peress li jidher car li la s-sid, la l-bennej u lanqas il-perit ma hadu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex ma ssirx hsara fil-fond adjecenti proprjeta' tas-socjeta' attrici.

Illi fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li ma sar ebda tentattiv la mill-bennej u lanqas mill-perit inkarigat sabiex jassiguraw ruhhom li bix-xoghol li kien ser jaghmlu ma kenitx ser tigi kkawzata hsara lill-terzi, u dan iktar u iktar meta ma nzammitx id-distanza legali ghat-thaffir, anzi jidher li dan l-iskavar sar ukoll mal-hajt divizorju u wkoll nizel taht l-istess hajt, u dan apparti li ma ghamlu l-ebda kalkolu ta' l-istat tal-proprjeta' kontigwa, b'dan li bil-mod li saru l-istess xoghlijiet giet ikkawzata il-hsara ndikata fid-dokumenti, xhieda u ritratti esebiti f'din il-kawza u fl-atti tal-kawzi l-ohra Citaz. Numru 1665/94 u 302/94. B'hekk l-istess bennej ma ghamilx ix-xoghol skond kif titlob is-sengha u l-arti u skond il-ligi; fl-istess waqt il-perit inkarigat mix-xoghlijiet mhux biss ma ghamel l-ebda sorveljanza ta' xejn fuq l-istess lant tax-xoghol, izda naqas ukoll li jaghmel ezami ta' dak li kien hemm fuq il-lant tax-xoghol,

inkluz l-istat tal-proprjeta’ mertu tal-kawza odjerna, u dan kif indikat mill-perit legali wkoll f’paragrafu 33 tar-relazzjoni tieghu u mill-bqija din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess paragrafu 33 tar-relazzjoni legali biss u limitatament fejn l-istess huwa konsistenti ma’ dak hawn deciz.

Illi dan qed jinghad ghaliex, kif gja gie ndikat f’din id-decizjoni, r-rapport tal-Perit Tekniku Anthony Cassar jindika li l-istess hsarat fil-*garage* tas-socjeta’ attrici mertu tal-kawza odjerna, u senjatament il-kolass tas-saqaf ta’ l-istess gew ikkawzati wkoll minhabba l-istat tas-saqaf tal-fond 23, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar, li skond l-istess perit tekniku ma kienx sar skond is-sengha u l-arti, u dan flimkien mal-kanal imsemmi fit-tmien (8) paragrafu tar-relazzjoni tieghu, ikkontribwixxa ghall-hsarat sofferti fl-istess fond u tal-mobbli li kien hemm fih, tant li l-istess perit tekniku sostna li l-proprjetarju ta’ l-istess saqaf jew *garage* kellu jaqsam nofs l-ispejjez li jirrizultaw. Din il-Qorti thoss li ma hemm l-ebda raguni ghaliex din il-konkluzjoni ta’ natura teknika ghandha tigi skartata, u dan ukoll ghaliex ma tistax tara ghaliex ir-relazzjoni legali giet konkluza minghajr ma nkludiet ir-relazzjoni teknika, anzi jidher li r-rapport legali ma hax in konsiderazzjoni r-rapport tekniku (fol. 99 tac-Citaz. Numru 1665/94).

Illi ghalhekk is-socjeta’ attrici, bhala proprjetarja tal-fond 23, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar, hija responsabbli ghan-nofs il-hsara kkawzata bl-istess kollass tas-saqaf ta’ l-imsemmi fond u ghalhekk ghall-fini ta’ din il-kawza din il-Qorti thoss li danni sofferti kawza ta’ l-istess akkadut kienu jikkonsistu fl-ammont ta’ hsara li giet ikkawzata fl-istess *garage* li kienet tammonta ghal Lm2,280 u dan skond stima tal-perit tekniku Anthony Cassar; mill-bqija l-unika mobbli ndikati fir-rapport legali li jirrizultaw li huma tas-socjeta’ attrici huma dawk indikati fil-verbal datat 27 ta’ Marzu 2007 konistenti fi tlett *refrigerated counters* li hemm dikjarazzjoni dwarhom a fol. 152 tal-process tac-Citaz. Numru 302/95/RCP fejn hemm indikat li l-istess mobbli kienu gew mibjugha lil Saviour Cremona ghan-nom tas-socjeta’ attrici u dan gie kkonfermat mix-xhieda li kien ta’ l-istess Saviour Cremona fis-seduta quddiem il-Perit Legali

datata 17 ta’ April 1997 (fol. 92 tal-process Citaz. Numru 302/95/RCP) u din il-Qorti thoss li l-valur ta’ l-istess gie ppruvat bhala danni fl-ammont ta’ Lm2,000 gew ukoll ippruvati bhala danni, u b’hekk il-konvenuti ghandhom ihallsu nofs l-ammont ta’ Lm4,280 u *cjoe`* l-ammont ta’ Lm2,140.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti nkwantu nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici biss fis-sens hawn deciz,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom bhala responsabbli ghat-tigrif tal-bini fuq msemmi u *cioe`* tal-*garage* 23, Triq Toni Bajada, San Pawl il-Bahar fil-grad fuq indikat ta’ hamsin fil-mija (50%) u allura responsabbli ghall-hamsin fil-mija (50%) tad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta’ attrici kif hawn deciz.

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta’ attrici li ghalihom huma responsabbli l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom b’konsegwenza ta’ dan it-tigrif fl-ammont ta’ elfejn, mija u erbghin lira Maltija (Lm2,140).

3. Tikkundanna l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elfejn, mija u erbghin lira Maltija (Lm2,140), bhala danni hekk likwidati kif hawn deciz.

Bl-ispejjez inkluzi ta’ l-ittra ufficjali tad-19 ta’ Jannar 1994 jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet, b’dan li s-socjeta’ attrici ghandha thallas nofs l-ispejjez tal-kawza fil-waqt li l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom ghandhom ihallsu n-nofs l-iehor ta’ l-ispejjez tal-kawza u bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament kontra l-konvenuti flimkien u *in solidum* bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------